IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru21 (wieħed u għoxrin) tad-disa’ (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 26 ta’ Frar, 2126, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| **Assenti b’Apoloġija** | |
| Kunsillier | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**21.1. Item Nru 21.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

21.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.35pm u l-Kunsill irċieva ittra ta’ Apoloġija mingħand is-Sinjura Antonia Buttigieg. Kulħadd qabel li tkun skużata.

Is-Sindku ippropona li ngħaddu għal item nru. 21.5 fuq l-Agenda- Rapport - Rapport Finanzjarju Annwali 2025.

Għal laqgħa daħal ukoll l-Accountant is-Sur Karl Cutajar u beda biex ippreżenta kopja tal-abbozz tal-Budget 2026. Is-Sur Cutajar qara l-abbozz u spjega x’inhuma l-miri għas sena 2026 sabiex inkomplu fit-triq it-tajba finanzjarja li qbadna u nkomplu insaħħu l-FSI posittiv li għandna.

Wara di l-ispjega il-Kunsill għadda għal approvazzjoni ta’ dan ir-rapport fejn is-Sur Michael Mifsud ippropona u issekondat is-Sinjura Doris Borg.

Imbgħad kien imiss li ngħaddu għar-rapport tar-raba' kwart tas-sena u l-Accountant faħħar il-posizzjoni u l-*improvement* li għamel il-Kunsill għas sena 2025. Hu kompla u qal li kellna surplus ta' €125,900 sal-aħħar tas-sena.

Apparti r-rapport tal-aħħar kwart konsegwentement kien imiss ir-rapport tal-aħħar tas-sena li huwa simili għal dak tar-raba' kwart. Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposta tas-Sur Michael Mifsud u li ġie issekondat mis-Sindku Neil Attard.

**21.2. Item Nru. 21.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

21.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati b'mod unanimu.

**21.3 Item Nru. 21.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.3.1 Is-Sindku qal li l-art ta' madwar il-grawnd issa ġiet mgħoddija b'titlu lil Kunsill Lokali u wara talba għaċ-ċwievet l-enforcement kienu ser jizkassaw għaliex ma għandhomx ċwievet imbgħad ituna ċwievet ġodda. Ġara li f'daqqa waħda waqfu u qalulna li ma jistaw jgħamlu xejn.

Is-Sindku kellem lil Avukat biex naraw xi drittijiet għandna u qalilna li ma nistawx niżgassaw aħna u nibdlu l-locks.

Il-Kunsill qabel li għalissa ma mmissu xejn u nistennew l-aħħar tal-istaġun tal-futbol u naraw x'ser isir mil-klabb. Kif jgħaddi April ser nitolbu wkoll li ssir laqgħa ġenerali annwali.

Is-Sindku qal ukoll li l-grawnd jistgħu jidħlu fih minn kullimkien u ppreżenta filmati u ritratti ta' żgħażagħ jiġru fuqu bir-roti u scooters u anke klieb.

21.3.2 Is-Sindku qal li l-proġett tad-dawl solari tax-Xatt għandna proposta u ppreżenta pjanta fuq il-mejda fejn li l-bażi tal-arbli issir taħt l-art fil-bankina imbagħad jitwaħħal l-arblu ta' 4m li jkun mar-*railing*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Is-Sur Attard qal li għandna informazzjoni li l-kuntrattur imqabbad mil-public works mhux ser ikun qed jagħmel ix-xogħol ta' finishing fuq il-bankina. Dan jista jiswa eluf kbar ta' euro għalhekk la mhux proġett ta' Kunsill ser inkunu qed niktbu lil Public Works sabiex dan isir minnhom ukoll. Kulħadd qabel ma' dan.

Is-Sindku fakkar li dan il-Proġett huwa tal-Public Works u li għandu jsir dawn b'sistema solari tul ix-xatt kollu. Għalissa bdiet l-ewwel fażi minn faċċata ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja sa faċċata ta' Triq l-Ispnott.

21.3.3 Is-Sindku ppropona li niktbu lil Project Green fuq ħaxix ħażin li bħal daż-żmien dejjem ikollna ammont kbir, sabiex forsi jgħinuna. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

21.3.4 Is-Sindku qal li hemm applikazzjoni minn l-ERA sabiex napplikaw għal rifużjoni ta' spejjeż li saru fuq pjanti u siġar dak in-nhar li kien hemm il-maltempata Harry. Kulħadd qabel li napplikaw għal palm tax-xatt.

21.3.5 Is-Sindku qal li kellna wieħed mil-ħaddiema li ma setax jadatta għas-sistema u li jkollu supervisor fuqu għalhekk wara li tkellimna mal-CWS sibna kompromess li jiċċaqlaq u jiġiassenjat ma' entita oħra.

21.3.6 Is-Sindku qal li fuq il-bir ser iqabbad kuntrattur sabiex ikun jista jibda ix-xogħol fuqu.

21.3.7 Is-Sindku tkellem ukoll fuq l-ispringer imkissra li għandna fil-bandli. Kulħadd qabel biex jinġiebu stimi sabiex tinbidel.

21.3.8 Is-Sindku qal li wara laqgħa li kellu mal-Ministru Byron Camilleri tkellmu fuq il-bandli tax-xatt u dan ipproponielu sabiex inżidu biċċa oħra fih però li għalina bħala Kunsill hija diffiċli minħabba li tiswa madwar 40-50K. Il-Ministru qallu sabiex jibgħat il-proposta uffiċjali bl-istima magħha. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

**21.4 Item Nru 21.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

21.4.1 Is-Sur Michael Mifsud staqsa dwar il-ħitan tas-sejjiegħ jekk tlabnix l-għajnuna lil Infrastruttura Malta. Is-Segretarju qallu li għada ma saritx it-talba u ser issir fil-jiem li ġejjin.

21.4.2 Is-Sur Mifsud staqsa dwar il-latrina kemm il-darba tinħasel u s-Segretarju qallu li tinħasel kuljum mil-attendant.

Is-Sur Michael Mifsud talab biex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-Hin kien 17.49.

21.4.3 Is-Sa. Borg qalet li tajjeb nibgħatu l-applikazzjoni lil ERA minħabba l-palm li ġarrab ħafna ħsara u tkun inkluża mal-iskema.

21.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu inniżżlu item ieħor fuq l-Agenda bħala Korrispondenza u jiddaħħlu affarijiet importanti u interessanti għal Kunsill. Is-

Segretarju qal li dik tista tiġi inkluża però irid ikun hemm it-talba minn xi Kunsillier sabiex tiġi diskussa waqt il-laqgħa.

21.4.5 Is-Sinjura Borg qalet li ser tkun qed torganizza attività għal Ġimgħa l-Kbira u ser tkun qed tagħti aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

Apparti din l-attivita is-Sa. Borg qalet li ser tippjana wkoll ħarġa bħala żjara lil President tar-Repubblika f' Sant Anton.

Imbgħad għat tfal ser tippjana ħarġa fil-parks u ġonna li tkun tinkludi ukoll xi snack.

kulħadd qabel ma ' dawn l-attivitajiet.

21.4.6 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet u ppproponiet jekk nistgħux nagħmlu librerija żgħira fil-bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. L-idea ġiet milqugħa tajjeb mal-Kunsilliera kollha u għalhekk ser naraw kif nistgħu nagħmlu waħda.

21.4.7 Is-Sa. Borg ipproponiet li nkellmu lil Awtoritajiet sabiex naraw kif jistgħu jgħinuna fuq ir-rigenerazzjoni tal-Banju li sofra ħsarat estensivi bil-maltempata Harry. Is-Sindku qal li ser nippruvaw inkellmu lil FTZD biex naraw jistgħux jgħinu kif ukoll jagħmlulna showers.

21.4.8 Is-Sa. Borg ipproponiet li fejn il-Kunsill isir Presepju fiss li jkun bil-ħadid biex ikun armat fi żmien il-Milied. Kulħadd qabel li nitħadtu fuqha f'laqgħat oħra.

21.4.9 Is-Sur Duncan staqsa għandnix reġistru tal-*Cat feeders* fix-Xgħajra. Is-Segretarju qallu li iva u li jieħu ħsieb li jlaqqagħhom il-Viċi Sindku.

**21.5 Item Nru. 21.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

21.5.1 Ir-rapporti ġew diskussa aktar kmieni.

**21.6 Item Nru. 21.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

21.6.1 Is-Sindku qal li ġibna 3 stimi sabiex nirranġaw il-bus shelters u sar qbil biex tintgħażel l-irħas waħda dik ta' €1,500.

**21.7 Item Nru. 21.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

21.7.1 Pagamenti b'numru 20 ġew approvati unanimament.

**21.8 Item Nru. 21.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

21.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**21.9 Item Nru. 21.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

21.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu fl-4.30pm.

______________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

______________________________

Neil Attard

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2181832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt